32006R1028

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1028/2006

tad-19 ta' Ġunju 2006

dwar standards għall-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-istandards għall-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib fil-kwalità tal-bajd u, bħala konsegwenza, jiffaċilitaw il-bejgħ tiegħu. Għalhekk, huwa fl-interess tal-produtturi, tal-kummerċjanti u tal-konsumaturi li jiġu applikati standards għall-kummerċjalizzazzjoni fir-rigward tal-bajd.

(2) L-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti standards fit-tqegħid fis-suq tal-bajd [2] uriet il-ħtieġa għal iktar emendi u simplifikazzjoni. Ir-Regolament (KEE) Nru 1907/90 għandu għalhekk jiġi revokat u mibdul b'Regolament ġdid.

(3) L-istandards għandhom, fil-prinċipju, ikunu applikabbli għall-bajd kollu tat-tiġieġ ta' l-ispeċi *Gallus gallus* ikkummerċjalizzat fil-Komunità. Madankollu, jidher li jkun għaqli li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà, li fejn huma involuti kwantitajiet żgħar, jeżentaw bajd mibjugħ permezz ta' ċerti forom ta' bejgħ dirett mill-produttur lill-konsumatur finali mill-applikazzjoni ta' dawk l-istandards.

(4) Għandha ssir distinzjoni ċara bejn bajd adatt għall-konsum dirett mill-bniedem u bajd li mhux adatt għall-konsum dirett mill-bniedem, li huwa għall-użu fl-industrija ta' l-ikel jew dik mhux ta' l-ikel. Għalhekk għandha ssir distinzjoni bejn żewġ klassijiet ta' kwalità ta' bajd, Klassi A u Klassi B.

(5) Il-konsumatur għandu jkun jista' jiddistingwi bejn bajd ta' gradi ta' kwalità u ta' piż differenti u għandu jkun jista' jidentifika l-metodu ta' trobbija wżat skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/4/KE tat-30 ta' Jannar 2002 fuq ir-reġistrazzjoni tan-negozji stabbiliti tat-trobbija tat-tiġieġ li jbidu, koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE [3]. Din il-ħtieġa għandha tiġi sodisfatta permezz ta' l-immarkar tal-bajd u l-imballaġġi.

(6) Il-bajd tal-Klassi A għandu jiġi mmarkat bin-numru distintiv tal-produttur kif previst fid-Direttiva 2002/4/KE sabiex ikun jista' jiġi rintraċċat bajd imqiegħed fis-suq għall-konsum mill-bniedem. Il-bajd tal-Klassi B għandu wkoll jiġi mmarkat għall-prevenzjoni ta' prattiċi frodulenti. Madankollu, il-bajd tal-Klassi B għandu wkoll ikun jista' jiġi mmarkat b'indikazzjoni li oħra għajr il-kodiċi tal-produttur dment li din tippermetti d-distinzjoni bejn gradi ta' kwalità differenti. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu għal derogi fejn il-bajd tal-Klassi B ikunu kkummerċjalizzati esklussivament fit-territorju tagħhom.

(7) Sabiex jiġu evitati prattiċi frodulenti, il-bajd għandu jiġi mmarkat kemm jista' jkun malajr wara li jkun tbied.

(8) Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ li huma approvati skond ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [4] għandhom jiggradaw il-bajd skond il-kwalità u l-piż. Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ li jkunu jaħdmu esklussivament għall-industrija ta' l-ikel u dik mhux ta' l-ikel m' għandhomx ikunu obbligati jiggradaw il-bajd skond il-piż.

---

[1] ĠU L 282, 1.11.1975, p. 49. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 679/2006 (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 1).

[2] ĠU L 173, 6.7.1990, p. 5. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1039/2005 (ĠU L 172, 5.7.2005, p. 1).

[3] ĠU L 30, 31.1.2002, p. 44. Direttiva kif emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

[4] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).

(9) Sabiex ikun żgurat li ċ-ċentri ta' l-imballaġġ huma mgħammra b'mod adegwat biex jiggradaw il-bajd u jippakkjaw il-bajd tal-Klassi A, huma għandhom jiġu wkoll awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti u jingħataw kodiċi taċ-ċentru ta' l-imballaġġ li jiffaċilita r-rintraċċar tal-bajd imqiegħed fis-suq.

(10) Huwa essenzjali, fl-interess kemm tal-produtturi kif ukoll tal-konsumaturi, illi l-bajd importat minn pajjiżi terzi jikkonforma ma' l-istandards Komunitarji. Madankollu, dispożizzjonijiet speċjali fis-seħħ f'ċerti pajjiżi terzi jistgħu jiġġustifikaw derogi minn dawk l-istandards jekk tkun garantita l-ekwivalenza tal-leġislazzjoni.

(11) L-Istati Membri għandhom jaħtru s-servizzi ta' spezzjoni responsabbli mis-superviżjoni ta' dan ir-Regolament. Il-proċeduri għal tali superviżjoni għandha tkun uniformi.

(12) L-Istat Membru għandu jistabbilixxi regoli dwar penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(13) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni [1].

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni fi ħdan il-Komunità tal-bajd prodott fil-Komunità jew importat minn pajjiżi terzi.

Dawk il-kondizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni għandhom japplikaw ukoll għall-bajd maħsub għall-esportazzjoni barra mill-Komunità.

2. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 4(3), il-bajd mibjugħ direttament lill-konsumatur finali mill-produttur:

(a) fuq il-post tal-produzzjoni,

jew

(b) f'suq pubbliku lokali jew permezz ta' bejgħ bieb bieb fir-reġjun tal-produzzjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat.

Fejn tiġi mogħtija tali eżenzjoni, kull produttur għandu jkun jista' jagħżel jekk japplikax tali eżenzjoni jew le. Fejn din l-eżenzjoni hija applikata, ma jista' jintuża l-ebda ggradar skond il-kwalità jew il-piż.

L-Istat Membru jista' jistabbilixxi, skond il-liġi nazzjonali, id-definizzjoni tat-termini suq pubbliku lokali, bejgħ bieb bieb u reġjun ta' produzzjoni.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(1) "bajd" tfisser bajd fil-qoxra — minnbarra bajd miksur, inkubat jew imsajjar — li jkun prodott mit-tiġieġ ta' l-ispeċi *Gallus gallus* u li hu tajjeb għall-konsum dirett mill-bniedem jew għall-preparazzjoni ta' prodotti tal-bajd;

(2) "bajd miksur" tfisser bajd li juri qsim kemm fil-qoxra kif ukoll fil-membrani, li jwassal biex jidher il-kontenut tiegħu;

(3) "bajd inkubat" tfisser il-bajd mill-waqt li jiddaħħal fl-inkubatur;

(4) "kummerċjalizzazzjoni" tfisser iż-żamma tal-bajd bl-iskop ta' bejgħ, inkluż l-offerta għal bejgħ, ħażna, imballaġġ, ittikkettar, kunsinna, jew kwalunkwe għamla oħra ta' trasferiment, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk le;

(5) "operatur" tfisser produttur u kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika oħra involuti fil-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd;

(6) "lok tal-produzzjoni" tfisser stabbiliment li jżomm tiġieġ tal-bajd irreġistrat skond id-Direttiva 2002/4/KE;

(7) "ċentru ta' l-imballaġġ" tfisser ċentru ta' l-imballaġġ fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 li huwa awtorizzat skond l-Artikolu 5(2) ta' dan ir-Regolament u fejn il-bajd huwa ggradat skond il-kwalità u l-piż;

(8) "konsumatur finali" tfisser il-konsumatur aħħari ta' oġġett ta' l-ikel li mhux se juża l-ikel bħala parti minn kwalunkwe operazzjoni jew attività ta' negozju ta' l-ikel;

(9) "kodiċi tal-produttur" tfisser in-numru distintiv tal-lok ta' produzzjoni skond il-punt 2 ta' l-Anness għad-Direttiva 2002/4/KE.

Artikolu 3

Iggradar skond il-kwalità u l-piż

1. Il-bajd għandu jiġi ggradat skond il-kwalità kif ġej:

— Klassi A jew "frisk",

— Klassi B.

2. Il-bajd tal-Klassi A għandu jiġi ggradat ukoll skond il-piż. Madankollu, iggradar skond il-piż ma għandux ikun meħtieġ għall-bajd ikkonsenjat lill-industrija ta' l-ikel jew dik mhux ta' l-ikel.

3. Il-bajd tal-Klassi B għandu jiġi kkonsenjat biss lill-industrija ta' l-ikel u dik mhux ta' l-ikel.

Artikolu 4

Immarkar tal-bajd

1. Il-bajd tal-Klassi A għandu jiġi mmarkat bil-kodiċi tal-produttur.

Il-bajd tal-Klassi B għandu jiġi mmarkat bil-kodiċi tal-produttur u/jew b'indikazzjoni oħra.

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw minn din il-ħtieġa l-bajd tal-Klassi B meta dak il-bajd ikun ikkummerċjalizzat esklussivament fit-territorju tagħhom.

2. L-immarkar tal-bajd skond il-paragrafu 1 għandu jseħħ fil-lok ta' produzzjoni jew fl-ewwel ċentru ta' l-imballaġġ fejn il-bajd jiġi kkunsinnat.

3. Il-bajd mibjugħ mill-produttur lill-konsumatur finali f'suq pubbliku lokali fir-reġjun tal-produzzjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat għandu jkun immarkat skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw minn din il-ħtieġa lill-produtturi li ma jżommux aktar minn 50 tiġieġa tal-bajd, dment li l-isem u l-indirizz tal-produttur ikunu indikati fil-post tal-bejgħ.

Artikolu 5

Ċentri ta' l-imballaġġ

1. Iċ-ċentri ta' l-imballaġġ għandhom jiggradaw u jimballaw il-bajd u jittikkettaw l-imballaġġi tagħhom.

2. L-awtorità kompetenti għandha tawtorizza liċ-ċentri ta' l-imballaġġ biex jiggradaw il-bajd u għandha talloka kodiċi taċ-ċentru ta' l-imballaġġ lil kwalunkwe operatur li l-istabbiliment u t-tagħmir tekniku tiegħu jkunu adatti biex jiggradaw il-bajd skond il-kwalità u l-piż. L-ebda tagħmir tekniku adatt għall-iggradar tal-bajd skond il-piż ma għandu jkun meħtieġ għaċ-ċentri ta' l-imballaġġ li jaħdmu esklussivament għall-industrija ta' l-ikel u dik mhux ta' l-ikel.

3. Tali awtorizzazzjoni tista' tiġi rtirata kull meta l-kondizzjonijiet meħtieġa stabbiliti fir-regoli ta' implimentazzjoni adottati skond l-Artikolu 11 ma jkunux għadhom qed jiġu sodisfatti.

Artikolu 6

Importazzjoni ta' bajd

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-istandards għall-bajd applikabbli f'pajjiżi terzi esportaturi fuq it-talba tal-pajjiż konċernat. Din l-evalwazzjoni għandha testendi għar-regoli dwar l-immarkar u t-tikkettar, il-metodi ta' trobbija u l-kontrolli kif ukoll l-implimentazzjoni. Jekk issib li r-regoli applikati joffru garanziji suffiċjenti fir-rigward ta' l-ekwivalenza mal-leġislazzjoni Komunitarja, il-bajd importat mill-pajjiżi kkonċernati għandu jkun immarkat b'numru distintiv ekwivalenti għall-kodiċi tal-produttur.

2. Il-Kummissjoni għandha, kull fejn ikun meħtieġ, twettaq negozjati ma' pajjiżi terzi bil-għan li jinstabu modi adegwati kif jiġu offruti garanziji kif imsemmi fil-paragrafu 1 u li tikkonkludi ftehim dwar tali garanziji.

3. Jekk ma jkunux ipprovduti garanziji suffiċjenti għall-ekwivalenza tar-regoli, il-bajd importat mill-pajjiż terz ikkonċernat għandu jkollu kodiċi li jippermetti l-identifikazzjoni tal-pajjiż ta' l-oriġini u l-indikazzjoni li l-metodu ta' trobbija huwa "mhux speċifikat".

Artikolu 7

Kontrolli

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru servizzi ta' spezzjoni biex jikkontrollaw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Is-servizzi ta' spezzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkontrollaw il-prodotti koperti minn dan ir-Regolament fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni. Minbarra l-kampjuni saltwarji, għandhom isiru kontrolli abbażi ta' l-analiżi tar-riskju, b'kont meħud tat-tip u l-volum ta' produzzjoni ta' l-istabbiliment ikkonċernat, kif ukoll tar-rekords tal-passat ta' l-operatur fir-rigward tal-konformità ma' l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-bajd.

3. Għall-bajd tal-Klassi A importat minn pajjiżi terzi, il-kontrolli previsti fil-paragrafu 2 għandhom isiru fil-ħin ta' l-approvazzjoni doganali u qabel ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera.

Il-bajd tal-Klassi B importat minn pajjiżi terzi għandu jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera biss wara l-kontroll fil-mument ta' l-approvazzjoni doganali li d-destinazzjoni finali tiegħu tkun lejn l-industrija ta' l-ipproċessar.

Artikolu 8

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad- disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u disswassivi.

Artikolu 9

Komunikazzjonijiet

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkomunikaw lil xulxin it-tagħrif meħtieġ għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Laħam tat-Tjur u l-Bajd.

2. Fejn issir referenza għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu.

Artikolu 11

Regoli ta' implimentazzjoni

Ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 10(2), b'mod partikolari fir-rigward ta':

1. il-frekwenza tal-ġbir, il-kunsinna, il-preservazzjoni u l-mod kif jiġi ttrattat il-bajd;

2. il-kriterji ta' kwalità, b'mod partikolari d-dehra tal-qoxra, il-konsistenza ta' l-abjad u l-isfar tal-bajd u l-għoli ta' l-ispazju ta' l-arja;

3. l-iggradar skond il-piż, inklużi eċċezzjonijiet;

4. l-immarkar fuq il-bajd u l-indikazzjonijiet fuq l-imballaġġi, inklużi eċċezzjonijiet oħra;

5. il-kontrolli;

6. il-kummerċ ma' pajjiżi terzi;

7. il-komunikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9;

8. il-metodi ta' trobbija;

9. ir-rekords u ż-żamma tar-reġistri.

Artikolu 12

Revoka

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 1907/90 huwa revokat b' effett mill-1 ta' Lulju 2007.

2. Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jittieħdu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

Artikolu 13

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Ġunju 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. PRÖLL

ANNESS

Tabella ta' korrelazzjoni

Regolament (KEE) Nru 1907/90	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 2
Artikolu 2(1)	Artikolu 1(1)
Artikolu 2(2)	—
Artikolu 2(3)	Artikolu 1(2)
Artikolu 2(4)	—
Artikolu 3	—
Artikolu 4	—
Artikolu 5 (1) u (3)	Artikolu 5
Artikolu 5(2)	—
Artikolu 6 (1) u (2)	Artikolu 3
Artikolu 6(3)	Artikolu 11
Artikolu 6 (4) u (5)	—
Artikolu 7(1)(a)	Artikolu 4(1)
Artikolu 7(1)(b) u (ċ)	Artikolu 6
Artikolu 7(1)(d)	Artikolu 11
Artikolu 7(2)	—
Artikolu 8(1)	Artikolu 4(1)
Artikolu 8(2)	—
Artikolu 9	—
Artikolu 10	—
Artikolu 11	—
Artikolu 12	—
Artikolu 13	—
Artikolu 14	—
Artikolu 15	—
Artikolu 16(1) l-ewwel sentenza	Artikolu 1(1) it-tieni subparagrafu
Artikolu 16 (2) u (3)	—
Artikolu 17	—
Artikolu 18	Artikolu 7 (1) u (2)
Artikolu 19	—
Artikolu 20	Artikolu 11
Artikolu 21	Artikolu 8
Artikolu 22(1)	Artikolu 9
Artikolu 22(2)	Artikolu 11
Artikolu 22a	—
Artikolu 23	Artikolu 12
Artikolu 24	Artikolu 13
Anness	Anness
Anness II	—